MINISTRY FOR TOURISM

TO ENHANCE THE MALTESE ISLANDS' TOURISM PRODUCT

ENVIRONMENTAL CONTRIBUTION

Malta Tourism Authority

# AVVIŻ

*Sinjur/a,*

Mill-20 ta' Ġunju 2016, il-Gvern se jintroduċi

## Kontribuzzjoni Ambjentali

fuq soġġorn li jsir f'kull tip t'akkomodazzjoni bi ħlas.
Id-dħul kollu minn din l-inizjattiva se jintuża għat-titjib u t-tisbieħ
tal-infrastruttura f'lokalitajiet turistiċi madwar il-Gżejjer Maltin.

Jekk għandek **18-il sena jew aktar** fil-jum tal-wasla, u se tibda s-soġġorn tiegħek fl-**20 ta' Ġunju 2016** jew wara, jinħtieġ li tħallas Kontribuzzjoni Ambjentali li tammonta għal **€0.50c kull lejl** sa **massimu ta' €5** għal kull soġġorn f'akkomodazzjoni bi ħlas, inklużi btajjel maqsumin bejn Malta u Għawdex.

Dan japplika bl-istess mod **għall-barranin u għall-Maltin** li joqogħdu **f'kull tip ta' akkomodazzjoni bi ħlas** inklużi lukandi, *guesthouses*, *farmhouses*, vilel, *hostels*, appartamenti, *b&b*, *host families* eċċ.

Il-kontribuzzjoni **mhix inkluża fil-prezz tal-akkomodazzjoni** u għalhekk **tiġi mposta separatament**. Din il-kontribuzzjoni **mhijiex suġġetta għall-VAT**, kummissjonijiet jew ħlasijiet oħra.

**L-Amministraturi/Sidien tal-propjetà** fejn qed toqgħod huma obbligati li jiġbru l-kontribuzzjoni u jgħadduha lill-Gvern.

Huma ukoll mistennija **li jżommu rekord** tan-numru ta' nies li joqogħdu għandhom, l-etajiet tagħhom u t-tul tas-soġġorn. Permezz ta' din l-informazzjoni jkunu jistgħu **jikkalkulaw il-ħlas dovut** u **jżommu rendikont**.

Għalhekk, inti tista' tintalab li tagħti **informazzjoni personali** bħal ma hija d-data tat-twelid u li turi dokument ta' identità, bħal passaport, liċenzja tas-sewqan eċċ.

Kull tagħrif li jinġabar jiġi miżmum u proċessat skont il-liġijiet ta' Malta dwar il-**Protezzjoni tad-Data**.

Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar din il-Kontribuzzjoni Ambjentali, tista' tikkuntattja lill-**Ministeru tat-Turiżmu** fuq 22915038 jew *environmentalcontribution@gov.mt* jew lill-**Awtorità Maltija għat-Turiżmu** fuq 22915000 jew *info@visitmalta.com*

www.tourism.gov.mt

**Il-Kontribuzzjoni Ambjentali fil-qosor**

- *Tapplika għal:* Persuni ta' 18-il sena jew aktar f'jum il-wasla u li joqogħdu f'KULL tip t'akkomodazzjoni bi ħlas.
- *Tibda:* Fl-20 ta' Ġunju 2016 *(Nota: Soġġorn li jibda qabel din id-data u jispiċċa wara MHUX inkluż).*
- *Kalkolu:* €0.50c x Numru ta' persuni x Numru ta' ljieli.
- *Ħlas massimu:* €5.00 kull persuna għal soġġorn kontinwu.